32006D0720

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Ottubru 2006

dwar l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq taż-żejt tad-*diacylglycerol* veġetali bħala ikel ġdid skond ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 4971)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(2006/720/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-17 ta' April ta' l-2002 Archer Daniels Midland Company ("ADM") għamlu talba lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Olanda sabiex jqiegħdu fis-suq iż-żejt tad-*diacylglycerol* veġetali bħala ikel ġdid għall-użu fiż-żjut tat-tisjir, pejsts ibbażati fuq ix-xaħam, taħwir ta' l-insalati, majoneż, preparazzjonijiet ta' xarbiet li jiġu ppreżentati bħala sostitut għal ikla waħda jew iktar mid-dieta ta' kuljum, prodotti tal-ħami u prodotti li huma tat-tip tal-jogurt;

(2) Fl-20 ta' Diċembru 2002 l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Olanda ħarġu l-ewwel rapport ta' evalwazzjoni tagħhom. F'dak ir-rapport wasslu għall-konklużjoni li l-użu taż-żejt tad-*diacylglycerol* veġetali huwa mingħajr periklu għall-konsum mill-bniedem;

(3) Il-Kummissjoni ressqet l-ewwel rapport ta' evalwazzjoni lill-Istati Membri kollha fil-21 ta' Jannar 2003;

(4) Fi żmien il-perjodu ta' sittin jum imniżżel fl-Artikolu 6 (4) tar-Regolament (KE) Nru 258/97, tqajmu oġġezzjonijiet motivati dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott skond dik id-dispożizzjoni;

(5) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza ta' l-Ikel (EFSA), fl-opinjoni tagħha dwar applikazzjoni mill-ADM għall-approvazzjoni taż-żejt tad-*diacylglycerol* veġetali (Żejt Enova ™) tat-2 ta' Diċembru ta' l-2004 ([2]), wasslu għall-konklużjoni li ż-żejt huwa mingħajr periklu għall-konsum mill-bniedem;

(6) Fir-rigward tal-kontenut ta' trans aċdi grassi, l-EFSA rrakkomandaw li dan jitnaqqas sal-livell taż-żjut veġetali konvenzjonali li ż-żejt ġdid huwa intenzjonat li jissostitwixxi sabiex iż-żejt ma jkunx nutrizzjonalment ta' żvantaġġ għall-konsumatur;

(7) Dwar xorb ippreżentat bħala sostituzzjoni għal waħda jew aktar mill-ikliet fid-dieta ta' kuljum tapplika d-Direttiva tal-Kunsill 89/398/KEE tat-3 ta' Marzu 1989, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandha x'taqsam ma' l-ikel bil-ħsieb ta' użu ([3]);

([1]) ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1. Kif l-aħħar emendat bir-Reglament (KE) Nru 1882/2003. (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).

([2]) Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar il-Prodotti tad-Dijabete, tan-Nutrizzjoni u l-Allerġiji fuq talba mill-Kummissjoni relatata ma' applikazzjoni għat-tqegħid fuq is-suq taż-żejt Enova bħala ikel ġdid fl-UE tat-2.12.2004. Din l-opinjoni tista' tinstab fil-websajt ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurezza ta' l-Ikel; il-Bord Xjentifiku dwar il-Prodotti Dietetiċi; in-Nutrizzjoni u l-Allerġiji.

([3]) ĠU L 186, 30.6.1989, p. 27 kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 1999/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 1999, ĠU L 172 tat-8.7.1999, p. 38.

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u Saħħet l-Annimali.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Iż-żejt tad-*diacylglycerol* veġetali kif speċifikat fl-Anness, jista' jitqiegħed fis-suq fil-Komunità bħala ikel ġdid għall-użu fiż-żejt għat-tisjir, fil-pejsts bbażati fuq xaħam, fit-taħwir ta' l-insalati, il-majoneż, il-preparazzjonijiet ta' xarbiet li jiġu ppreżentati bħala sostitut għal ikla waħda jew iktar mid-dieta ta' kuljum, prodotti tal-ħami u prodotti li huma tat-tip tal-jogurt.

Artikolu 2

L-ispeċifikazzjoni "żejt tad-*diacylglycerol* veġetali (mill-inqas 80 % ta' diacylglycerols)" trid tidher fuq it-tikkett tal-prodott ħekk kif inhu jew fil-lista ta' ingredjenti ta' l-oġġetti ta' l-ikel li jkun dan jinsab fihom.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-ADM Kao LLC, 4666 East Faries Parkway, Decatur, IL 62526, USA.

Magħmul fi Brussell, nhar it-23 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

SPEĊIFIKAZZJONIJIET TAŻ-ŻEJT TAD-DIACYLGLYCEROL VEĠETALI

Sustanza/Parametru	Il-Kontenut
Distribuzzjoni ta' l-Acylglycerol	
Diacylglycerols (DAG)	Mhux inqas minn 80 %
1,3-Diacylglycerols (1,3-DAG)	Mhux inqas minn 50.000000 %
Triacylglycerols (TAG)	mhux iktar minn 20 %
Monoacylglycerols (MAG)	Mhux iktar minn 5 %
Kompożizzjoni ta' l-Aċdi Grassi (DAG, TAG, MAG):	
Oleic acid (C18:1)	Bejn 20 u 65 %
Linoleic acid (C18:2)	Bejn 15 u 65 %
Linolenic acid (C18:3)	Mhux iktar minn 15 %
Aċdi grassi saturizzati Trans aċdi grassi	Mhux iktar minn 10 %
Oħrajn:	
Valur aċdu	Mhux iktar minn 0,5 mg KOH/g
Umdità u volatilità	Mhux iktar minn 0,1 %
Valur perossidu (PV)	Mhux iktar minn 1 meq/kg
Unsaponifiables	Mhux iktar minn 2 %
Trans aċdi grassi	Mhux iktar minn 1%

MAG monoacylglċeroli, DAG diaglyċeroli, TAG triaclglyċeroli
Il-komponenti ta' l-aċdi grassi huma derivati miż-żjut veġetali li jittieklu, b' mod partikolari miż-żejt tas-sojja (*Glycine max)* jew miż-żejt tarrapa (*Brassica campestris, Brassica napus*).